MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 10/2005

Kunsill Lokali Xewkija .

vs

Vodafone Malta Ltd .
Magro Brothers Group .
Magro Brothers (Food) Ltd .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-Kunsill attur, wara li ppremetta :

Illi s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom applikaw u ottjenew ħruġ ta' permess ma' l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar numru 3627/04 sabiex jinstallaw ekwipaġġament ta' *mobile telephony* kif ukoll installar inter alia ta' antenni ta' telekomunikazzjoni fil-fabbrika tal-konvenuti Magro Brothers fix-Xewkija, liema applikazzjoni

qiegħda fi stadju ta' appell quddiem il-Borg ta' l-Appell ta' l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ;

Illi s-sit ta' fejn ser issir l-installazzjoni ta' dan l-ekwippaġġament u apparat huwa qrib ħafna ta' żona residenzjali u anke ta' l-iskola primarja tax-Xewkija ;

Illi ekwippaggament u apparat ta' dan it-tip huwa ta' dannu għas-saħħa tal-bniedem u di piu' meta jiun tant viċin għar-residenzi u tenut kont anke l-iskola primarja li għaliha jattendu t-tfal tar-raħal li ser ikunu esposti għall-ħinijiet twal għar-radjazzjonijiet u elementi oħra ta' dannu għas-saħħa tat-tfal li huma vulnerabbli iktar mill-adulti .

Talab lis-soċjetajiet konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. tiddeċiedi u tiddikjara li l-installar ta' dan l-ekwippaggamant u apparat huwa ta' dannu għas-saħħa kif suespost ;

2. tordna lill-konvenuti jew min minnhom ma jinstallawx dan l-ekwippaggament u apparat .

Il-konvenuti minn issa nġunti in subizzjoni .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 4/2005 (PC), bl-imgħax u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni skond il-liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-Kunsill attur ikkonfermata bil-ġurament minn Ruben Cassar, Segretarju Ezekuttiv ta' l-istess Kunsill .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti Magro Brothers Group u Magro Brothers (Foods) Limited li eċċepew :

1. Illi preliminarjament il-konvenuta Magro Brothers Group għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dan billi hija mħgħandha l-ebda konnessjoni kwalsiasi mal-Kunsill attur .

2. Illi fil-mertu t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt .

3. Illi barra minn hekk it-talbiet huma nfondati fid-dritt u fil-fatt .
4. Illi Magro Brothers (Foods) Limited hija marbuta bi ftehim ma' Vodafone Malta Limited sabiex tippermetti li fuq il-bejt tal-fabbrika tagħha tiġi stallata antenna tal-Vodafone . Għalhekk kemm-il darba jiġu milqugħa t-talbiet attrici l-istess konvenuta tkun qed tiġi kostretta taġixxi bi ksur tal-ftehim imsemmi .

5. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess l-eċċipjenti ma jistgħu qatt jiġu tenuti responsabbli għall-ispejjeż ta' din il-kawża u dan peress li m'humiex responsabbli għall-antenna mertu ta' din il-kawża .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Bl-ispejjeż .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjetajiet konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Michael Magro .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta Vodafone Malta Limited li biha eċċepiet illi :

1. Illi preliminarjament, l-eċċipjenti qed jissollevaw l-eċċezzjoni tal-'privilegium fori' a tenur tal-artikolu 767, in konnessjoni ma' paragrafu (c) tal-artikolu 741 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni meħtieġa għall-konjizzjoni ta' din il-kawża u in segwitu tal-artikoli fuq imsemmija, s-soċjeta' konvenuta għandha l-privileġġ u d-dritt li titlob li l-kwistjoni odjerna titqajjem quddiem Qorti allokata fl-istess gżira fejn is-soċjeta' konvenuta tirrisjedi u għalhekk din il-kawża kellha tiġi istitwita quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ;

2. Illi in via preliminari wkoll, l-atturi jridu juru l-interess ġuridiku tagħhom kif stabbilit mill-liġi ;

3. Illi d-domandi u l-pretensjonijiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma teżisti ebda prova konklussia xjentifika in sostenn ta' dak minnhom allegat u huma bbażati fuq premessi u informazzjoni żbaljata u mhux ta' min joqgħod fuqha ;

4. Illi s-soċjeta' konvenuta aderixxiet ma' kull proċedura għall-ħrug tal-permess għat-twaħħil ta' Antenna u għat-trasmissjonijiet minnha skond il-liġi kif ukoll ma' kull regolament u rakkomandazzjoni tal-Gvern Malti u tal-entitajiet pubbliċi ;

5. Salv eċċezzjonijiet oħra .

Bl-ispejjeż .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' konvenuta kkonfermata bil-ġurament ta' Edmund Cilia .

Rat is-sentenza preliminari tagħha ta' l-24 ta' Ġunju 2005 dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori .*

Rat il-verbal tagħha ta' l-24 ta' ġunju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari l-oħra tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fil-Kunsill attur .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-kunsill attur qed ifittex li jżomm lill-konvenuti milli jistallaw apparat ta' mobile telephony u antenni ta' telekomunikazzjoni relatat f'inħawi residenzjali u qrib ta' l-iskola primarja tax-Xewkija, u dan għax isostnu illi tali apparat huwa ta' dannu għas-saħħa tal-bniedem speċjalment tat-tfal .

Din it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta Vodafone Malta Limited tirrigwarda n-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-Kunsill attur li jipproponi din il-kawża .

Il-**Mattirolo** (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano; Torino 5ta. ed. Torino 1902 #54 et. seq.) ifisser b'mod tassew luċidu x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża bil-mod segwenti :

"54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse . Indi la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse e' la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**" . Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art. 100 c.p.c.) e' detto che '**per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'**….l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere **diretto, legittimo, e attuale .**

55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perche' … niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta .

56. L'interesse deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe' conforme al diritto di chi sta in causa . L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio . Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' *injuria datum*, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto .

57. Per ultimo l'interesse deve essere **attuale,** val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione . Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente" ( pag. 50 – 52) .

Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana . Imma kif kellhom okkażjoni jgħidu l-Qrati tagħna :

" *Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia, e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio*".[1]

Fil-każ preżenti, Vodafone Malta Limited qed issostni illi l-kawża preżenti mhix l-*actio popolaris* regolata fil-Kostituzzjoni ta' Malta, u għalhekk il-Kunsill attur jonqsu proprju wieħed mill-elementi essenzjali sabiex jista' jingħad illi jeżisti interess ġuridiku kif imfisser fid-duttrina u l-ġurisprudenza . Infatti din is-soċjeta' konvenuta tikkontendi illi l-Kunsill tax-Xewkija m'għandux interess <u>dirett u personali, </u>billi l-Kunsill ma jistax jipprokura xi riżultat vantaġġjuż għalieh bl-eżitu ta' din il-kawża, għax dan jista' jinkiseb biss minn "*persuna jew persuni*".[2]

Madankollu jidher illi dan l-aħħar l-Qrati tagħna qed juru ruħhom ippreparati jwessgħu l-kunċett ta' interess dirett u personali f'kawża kif mifhum tradizzjonalment, u f'dan ir-rigward qed isewgu l-iżviluppi moderni f'leġislazzjonijiet oħra . Hekk ingħad reċentement mill-Qorti ta' l-Appell illi :

---

[1] Micallef Goggi vs Armando Mifsud kollez vol. XXVII. I. 507 .
[2] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' Vodafone Malta Ltd .

"… *l-interess ġuridiku tradizzjonalment trattat* ***a titolo personale****, twessa aktar illum biex jabbraċċja fih l-interessi kollettivi, kif ukoll dawk l-interessi l-oħra klassifikati bħala interessi diffusi fejn fihom, ad eżempju, insibu kollokati l-interessi dwar il-ħarsien ta' l-ambjent, u dawk tal-konsumaturi . Anke għal dawn is-sitwazzjonijiet il-liġijiet moderni ta' pajjiżi oħra qed jikkonċedu spazju għat-tutela ġudizzjali u forsi wasal iż-żmien anke f'pajjiżna li l-liġijiet u l-ġurisprudenza tagħna progressivament jaġġornaw ruħhom ma' dawn il-fenomeni soċio-ġuridiċi ġodda in materia ta' l-interess ġuridiku*."[3]

F'din is-sentenza il-Qorti kienet qed tabbraċċja dak li kien intqal qabel mill-Qrati tagħha dwar il-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali mwaqqfa bl-Att XV ta' l-1993 fis-sens illi :

"… *il-Kunsill Lokali mhux xi sempliċi għaqda nformali ta' ġirien iżda huwa korp importanti fl-amministrazzjoni tal-pajjiż li għandu personalita' ġuridika distinta u separata u li hu maħluq mil-liġi stess biex jaqdi l-imsemmija diversi funzjonijiet stabiliti fl-istess liġi entro l-limiti tal-lokalita' li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu*" u għalhekk dan "*kellu kull dritt li jsemma leħnu f'materja li kienet ser tolqot direttament lir-residenzi li l-istess kunsill kien responsabbli għalihom*" . Dan iġib li "*l-kunsill kellu d-debitu nteress ġuridiku li trid il-liġi biex jinterponi appell quddiem il-Bord*."[4]

A bażi ta' dan l-iżvilupp fil-ġurisprudenza lokali jidher għalhekk illi anke Kunsill Lokali, magħmul minn rappreżentanti demokratikament eletti minn nies ta' lokalita', fejn qed jiġi allegat illi l-istallazzjoni ta' appartat in konnessjoni mat-telefonija ċellulari ser teffettwa b'mod negattiv is-saħħa tar-residenti, għandu interess ġuridiku suffiċjenti sabiex jipproponi kawża simili .

---

[3] Martin Debrincat vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar : 12.1.2005 per imhalllef P. Sciberras .
[4] Kunsill Lokali tax-Xewkija vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar et. Appell : 6.10.2000 .

Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta Vodafone Malta Limited qed tiġi miċħuda wkoll u konsegwentement tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni .

L-ispejjeż, anke f'dan il-każ, jibqgħu riservati għas-sentenza finali .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------